# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/350/PESK

**tat-2 ta' Lulju 2013**

**li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikoli 28, 31(2) u 33 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/33/PESK [1] biex ħatar lis-Sur Andreas REINICKE bħala Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani. Il-mandat għandu jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2013.

(2) Il-mandat tar-RSUE għandu jiġi estiż b'perijodu ieħor ta' 12-il xahar. Il-mandat għandu jiġi rivedut fil-ħarifa tal-2013. Din ir-reviżjoni għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2013.

(3) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea**

Il-mandat tas-Sur Andreas REINICKE bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-proċess ta' paċi ("proċess ta' paċi") fil-Lvant Nofsani huwa b'dan estiż sat-30 ta' Ġunju 2014. Il-mandat tar-RSUE jista' jiġi terminat qabel dan, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, fuq proposta mr-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).

*Artikolu 2*

**Objettivi ta' politika**

1. Il-mandat tar-RSUE għandu jkun ibbażat fuq l-objettivi ta' politika tal-Unjoni fir-rigward tal-proċess ta' paċi.

2. Dawk l-objettivi jinkludu, inter alia:

(a) paċi komprensiva li għandha tinkiseb abbażi tar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), il-prinċipji ta' Madrid, il-Pjan Direzzjonali, il-ftehimiet milħuqa qabel mill-partijiet u l-Inizjattiva Għarbija għall-Paċi;

(b) soluzzjoni ta' żewġ Stati bl-Iżrael u bi Stat Palestinjan demokratiku, kontigwu, vijabbli, paċifiku u sovran li jgħixu maġenb xulxin ġewwa fruntieri siguri u rikonoxxuti, li jgawdu relazzjonijiet normali mal-ġirien tagħhom skont ir-Riżoluzzjonijiet 242 (1967), 338 (1973), 1397 (2002) u 1402 (2002) tal-Kunsill tas-Sigurtà u l-prinċipji ta' Madrid;

(c) soluzzjoni għall-kunflitti Iżrael-Sirja u Iżrael-Libanu;

(d) soluzzjoni biex jiġi riżolt l-istatus ta' Ġerusalemm bħala l-kapitali futura ta' żewġ stati u soluzzjoni ġusta, vijabbli u miftiehma għall-problema tar-refuġjati Palestinjani;

(e) segwitu tal-proċess ta' paċi lejn ftehim finali dwar l-istatus u l-kreazzjoni ta' Stat Palestinjan inkluż it-tishiħ tar-rwol tal-Kwartett tal-Lvant Nofsani ("il-Kwartett") bħala gwardjan tal-Pjan Direzzjonali, partikolarment fid-dawl tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-obbligi li għandhom iż-żewġ partijiet taħt il-pjan direzzjonali u konformement mal-isforzi internazzjonali kollha sabiex isseħħ paċi komprensiva bejn l-Għarab u l-Iżraeljani;

3. Dawn l-objettivi huma bbażati fuq l-impenn tal-Unjoni li taħdem mal-partijiet u ma' shab fil-komunità internazzjonali, speċjalment fil-qafas tal-Kwartett, sabiex tiġi segwita kull opportunità għall-paċi u għal futur deċenti għall-popli kollha tar-reġjun;

4. Ir-RSUE għandu jappoġġa l-ħidma tar-RGħ fir-reġjun, anke fil-qafas tal-Kwartett.

*Artikolu 3*

**Mandat**

Sabiex jinkisbu l-objettivi ta' politika, imsemmijin fl-Artikolu 2, il-mandat tar-RSUE għandu jkun li:

(a) jipprovdi kontribut attiv u effiċjenti mill-Unjoni għall-azzjonijiet u l-inizjattivi li jwasslu għal riżoluzzjoni finali tal-konflitt Iżraeljan-Palestinjan u tal-konflitti Iżraeljan-Sirjan u Iżraeljan-Lebaniż;

[1] ĠU L 19, 24.1.2012, p. 17.

(b) jiffaċilita u jżomm kuntatt mill-qrib mal-partijiet kollha għall-proċess ta' paċi, mal-pajjiżi l-oħra tar-reġjun, mal-membri tal-Kwartett u ma' pajjiżi rilevanti oħra, kif ukoll man-NU u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra, sabiex jaħdem magħhom fit-tishiħ tal-proċess ta' paċi;

(c) jiżgura l-preżenza kontinwa tal-Unjoni f'fora internazzjonali rilevanti u jikkontribwixxi għall-maniġġar u l-prevenzjoni tal-kriżijiet;

(d) josserva u jappoġġa n-negozjati għall-paċi bejn il-partijiet u jressaq il-proposti tal-Unjoni Ewropea, f'isimha, fil-kuntest ta' dawk in-negozjati;

(e) jikkontribwixxi, meta jkun mitlub, għall-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali milħuqa bejn il-partijiet u jiddjaloga magħhom diplomatikament fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mat-termini ta' dawk il-ftehimiet;

(f) jagħti attenzjoni partikolari lill-fatturi li jaffettwaw id-dimensjoni reġjonali tal-proċess ta' paċi;

(g) jiddjaloga b'mod kostruttiv ma' firmatarji tal-ftehimiet fil-qafas tal-proċess ta' paċi sabiex jippromwovi konformità mal-istandards bażiċi tad-demokrazija, inklużi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

(h) jagħmel proposti għal intervent tal-Unjoni fil-proċess ta' paċi u dwar l-aħjar mod kif jiġu segwiti l-inizjattivi tal-Unjoni u l-isforzi attwali tal-Unjoni relatati mal-proċess ta' paċi, bħall-kontribut tal-Unjoni għar-riformi Palestinjani, u inklużi l-aspetti politiċi tal-proġetti rilevanti tal-Unjoni għall-iżvilupp;

(i) jissorvelja l-azzjonijiet taż-żewġ naħat dwar l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali u dwar kwistjonijiet li jistgħu jippreġudikaw ir-riżultat tan-negozjati dwar status permanenti biex jgħin lill-Kwartett jivvaluta aħjar il-konformità tal-partijiet;

(j) bħala Mibgħut tal-Kwartett, jirrapporta dwar il-progress u l-evoluzzjoni tan-negozjati u jikkontribwixxi għat-tħejjija tal-laqgħat tal-Mibgħuta tal-Kwartett abbażi tal-pożizzjonijiet tal-Unjoni u permezz ta' koordinazzjoni ma' membri oħra tal-Kwartett;

(k) jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem f'kooperazzjoni mar-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem, inklużi l-Linji Gwida tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Linji Gwida tal-UE dwar it-Tfal u l-Kunflitt Armat, kif ukoll dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontrihom, u tal-politika tal-Unjoni rigward ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti1325 (2000) dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, anke permezz tal-monitoraġġ u r-rappurtar dwar l-iżviluppi kif ukoll tal-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rigward;

(l) jikkontribwixxi għal komprensjoni aħjar tar-rwol tal-Unjoni fost l-opinjonisti ewlenin fir-reġjun.

*Artikolu 4*

**Implimentazzjoni tal-mandat**

1. Ir-RSUE għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-mandat waqt li jaġixxi taħt l-awtorità tar-RGħ. Sabiex iwettaq il-mandat u r-responsabbiltajiet speċifiċi tiegħu fil-qasam ir-RSUE għandu jkun dedikat bis-shiħ għall-Missjoni.

2. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) għandu jżomm kollegament privileġġat mar-RSUE u għandu jkun il-punt primarju ta' kuntatt tar-RSUE mal-Kunsill. Il-KPS għandu jipprovdi gwida strateġika u direzzjoni politika lir-RSUE fil-qafas tal-mandat, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-RGħ.

3. Ir-RSUE għandu jaħdem f'koordinazzjoni mill-qrib mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE).

4 Partikolarment matul il-missjonijiet tiegħu, ir-RSUE għandu jaħdem mill-qrib mal-Uffiċċju Rappreżentattiv tal-UE f'Ġerusalemm, mad-Delegazzjoni tal-Unjoni f'Tel Aviv kif ukoll mad-delegazzjonijiet rilevanti l-oħrajn kollha tal-Unjoni fir-reġjun.

*Artikolu 5*

**Finanzjament**

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' EUR 506 500.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandha tkun eliġibbli mill-1 ta' Lulju 2013. In-nefqa għandha tkun amministrata konformement mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. L-amministrazzjoni tan-nefqa għandha tkun soġġetta għal kuntratt bejn ir-RSUE u l-Kummissjoni. Ir-RSUE għandu jkun responsabbli quddiem il-Kummissjoni għal kull infiq.

*Artikolu 6*

**Formazzjoni u kompożizzjoni tal-iskwadra**

1. Fil-limiti tal-mandat tiegħu u l-mezzi finanzjarji korrispondenti disponibbli, ir-RSUE għandu jkun responsabbli mill-formazzjoni ta' skwadra. L-iskwadra għandha tinkludi konsulenza esperta dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' politika kif jirrikjedi l-mandat. Ir-RSUE għandu jżomm lill-Kunsill u lill-Kummissjoni infurmati fil-pront u regolarment dwar il-kompożizzjoni tal-iskwadra

2. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u s- SEAE jistgħu jipproponu l-issekondar ta' persunal biex jaħdem mar-RSUE. Is-salarju ta' tali persunal issekondat għandu jkun kopert mill-Istat Membru, mill-istituzzjoni kkonċernata tal-Unjoni jew mis-SEAE, rispettivament. L-esperti ssekondati mill-Istati Membri għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew shas-SEAE jistgħu wkoll jiġu assenjati sabiex jaħdmu mar-RSUE. Il-persunal kuntrattat internazzjonalment għandu jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru.

3. Il-persunal kollu ssekondat għandu jibqa' taħt l-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru mandanti, l-istituzzjoni mandanti tal-Unjoni jew is-SEAE u għandu jwettaq dmirijietu u jaġixxi fl-interess tal-mandat tar-RSUE.

4. Il-membri tal-persunal tar-RSUE għandhom ikunu kollokati mad-dipartimenti rilevanti tas-SEAE jew id-delegazzjonijiet tal-Unjoni sabiex dan jikkostitwixxi kontribuzzjoni għall-koerenza u l-konsistenza tal-attivitajiet rispettivi tagħhom.

*Artikolu 7*

**Privileġġi u immunitajiet tar-RSUE u l-persunal tiegħu**

Il-privileġġi, l-immunitajiet u garanziji ulterjuri meħtieġa għat-tlestija u l-funzjonament bla xkiel tal-missjoni tar-RSUE u l-membri tal-persunal tiegħu għandhom jiġu miftehmin mal-pajjiżi ospitanti, skont kif ikun meħtieġ. L-Istati Membri u s-SEAE għandhom jagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ għal dan l-għan.

*Artikolu 8*

**Sigurtà ta' informazzjoni klassifikata tal-UE**

Ir-RSUE u l-membri tal-iskwadra tiegħu għandhom jirrispettaw il-prinċipji u l-istandards minimi ta' sigurtà stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/292/UE tal-31 ta' Marzu 2011 dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE ([1]).

*Artikolu 9*

**Aċċess għal informazzjoni u appoġġ loġistiku**

1. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandhom jiżguraw li jingħata aċċess lir-RSUE għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti.

2. Id-delegazzjonijiet tal-Unjoni u/jew l-Istati Membri, skont kif ikun meħtieġ, għandhom jipprovdu appoġġ loġistiku fir-reġjun.

*Artikolu 10*

**Sigurtà**

Konformement mal-politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà ta' persunal skjerat barra l-Unjoni f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-Trattat, ir-RSUE għandu jieħu l-miżuri kollha raġonevolment prattikabbli, konformement mal-mandat tiegħu u s-sitwazzjoni ta' sigurtà fiż-żona ġeografika taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-sigurtà tal-persunal kollu taħt l-awtorità diretta tiegħu, speċjalment billi:

(a) jistabbilixxi pjan ta' sigurtà speċifiku għall-missjoni bbażat fuq gwida mis-SEAE, li jinkludi miżuri ta' sigurtà fiżiċi, organizzattivi u proċedurali speċifiċi għall-missjoni, li jirregola l-ġestjoni tal-moviment sigur ta' persunal lejn, u ġewwa, iż-żona tal-missjoni, kif ukoll il-ġestjoni ta' inċidenti ta' sigurtà u pjan ta' kontinġenza u evakwazzjoni tal-missjoni;

(b) jiżgura li l-persunal kollu skjerat barra mill-Unjoni jkun kopert b'assigurazzjoni ta' riskju għoli kif meħtieġ mill-kondizzjonijiet fiż-żona tal-missjoni;

(c) jiżgura li l-membri kollha tal-iskwadra tiegħu li jkunu ser jiġu skjerati barra l-Unjoni, inkluż persunal ikkuntrattat lokalment, ikunu rċevew taħriġ adatt fir-rigward tas-sigurtà qabel jaslu, jew kif jaslu, fiż-żona tal-missjoni, abbażi tal-klassifikazzjonijiet tar-riskju assenjati liż-żona tal-missjoni mis-SEAE;

(d) jiżgura li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet kollha maqbula li jsiru wara valutazzjonijiet regolari tas-sigurtà u jipprovdi lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lir-RGħ b'rapporti bil-miktub dwar l-implimentazzjoni tagħhom u dwar kwistjonijiet oħra ta' sigurtà fil-qafas tar-rapport ta' progress u tar-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-mandat.

*Artikolu 11*

**Rappurtar**

Ir-RSUE għandu jipprovdi regolarment lir-RGħ u lill-KPS rapporti orali u bil-miktub. Ir-RSUE għandu jippreżenta wkoll rapport lill-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill skont kif meħtieġ. Ir-rapporti regolari bil-miktub għandhom jiġu ċċirkolati permezz tan-netwerk COREU. Fuq ir-rakkomandazzjoni tar-RGħ jew tal-KPS, ir-RSUE għandu jipprovdi rapporti lill-Kunsill Affarijiet Barranin. Konformement mal-Artikolu 36 tat-Trattat, ir-RSUE jista' jkun involut fl-għoti ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew.

*Artikolu 12*

**Koordinazzjoni**

1. Ir-RSUE għandu jippromwovi l-koordinazzjoni politika ġenerali tal-Unjoni. Huwa għandu jgħin biex jiġi żgurat li l-istrumenti kollha tal-Unjoni fuq il-post jitħaddmu b'mod koerenti biex jinkisbu l-għanijiet tal-politika tal-Unjoni. L-attivitajiet tar-RSUE għandhom jiġu kkoordinati ma' dawk tal-Kummissjoni kif ukoll ma' dawk ta' RSUE oħrajn attivi fir-reġjun, inkluż ir-RSUE għar-Reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran, skont kif ikun meħtieġ. Ir-RSUE għandu jipprovdi informazzjoni regolari lill-missjonijiet tal-Istati Membri u lid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

2. Fuq il-post, għandu jinżamm kollegament mill-qrib mal-Kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u mal-Kapijiet tal-Missjoni tal-Istati Membri. Huma għandhom jagħmlu kull sforz biex jgħinu lir-RSUE fl-implimentazzjoni tal-mandat. Ir-RSUE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni f'Tel Aviv, għandu jipprovdi lill-Kapijiet tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) u tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAN Rafah) bi gwida politika lokali. Ir-RSUE u l-Kmandat tal-Operazzjoni Ċivili għandhom jikkonsultaw ma' xulxin kif meħtieġ. Ir-RSUE għandu wkoll iżomm kollegament ma' atturi internazzjonali u reġjonali oħra fuq il-post.

*Artikolu 13*

**Assistenza relattivament għal pretensjonijiet**

Ir-RSUE u l-persunal tiegħu għandhom jassistu fl-għoti ta' elementi sabiex tingħata risposta għal kwalunkwe pretensjoni u kwalunkwe obbligu li jkunu jirriżultaw mill-mandati tar-RSUE li kienu fil-kariga qablu għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, u għandhom jipprovdu assistenza amministrattiva u aċċess għall-fajls rilevanti għal dan il-għan.

([1]) ĠU L 141, 27.5.2011, p. 17.

*Artikolu 14*

**Reviżjoni**

1. L-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-konsistenza tagħha ma' kontributi oħra mill-Unjoni lir-reġjun għandhom jiġu riveduti regolarment. Ir-RSUE għandu jippreżenta lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lir-RGħ rapport dwar il-progress sal-aħħar ta' Ottubru 2013, u rapport komprensiv dwar l-implementazzjoni tal-mandat fi tmiem il-mandat.

2. Il-mandat tar-RSUE għandu jiġi rivedut sal-31 ta' Diċembru 2013.

*Artikolu 15*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2013.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. LINKEVIČIUS